**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 1 TA' DIĊEMBRU 2019**

**Quddiesa u Tberik tal-Girlanda tal-Avvent**
Għada l-Ħadd 1 ta' Diċembru 2019 fid-9:15am quddiesa u tberik tal-Girlanda tal-Avvent għall-familjari u t-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina f'Ġunju li ġej.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**
Għada l-Ħadd 1 ta' Diċembru 2019 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-trabi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**25 sena mill-mewt ta' Dun Frans Bianco**
It-Tnejn 2 ta' Diċembru 2019, fis-6:00pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali f'għeluq il-25 sena mill-mewt ta' Dun Frans Bianco, saċerdot mill-parroċċa tagħna.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**
It-Tnejn 2 ta' Diċembru 2019 fis-6:45pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 3 ta' Diċembru 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Gross (minn Triq il-Ħabberxa sa Triq Ġużè Pesci) u Triq Ġużè Pesci.**

Il-Ħamis 5 ta' Diċembru 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq Ġużeppi Spagnol u Triq il-Qrempuċ.**

**Quddiesa u Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat**
Il-Ħamis 5 ta' Diċembru 2019 fid-9:30am quddiesa fis-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat u adorazzjoni animata mill-parroċċa tagħna. Fit-8:15am tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna u nkunu lura Wied il-Għajn fil-11:30am. Inħeġġukom sabiex nattendu u min jixtieq jitla' magħna bit-trasport jikteb ismu fis-sagristija.

**Bazaar u bejgħ ta' pjanti**
Il-Ħamis 5 ta' Diċembru 2019 fis-Sala San Ġwakkin jiftaħ il-Bazaar tal-Parroċċa li fih ser issir ukoll bejgħ ta' ponsjetti u pjanti. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru 2019 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:00pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Milied Skaliż**
Nhar il-Ġimgħa 6 sal-Ħadd 8 ta' Diċembru, il-Parroċċa tagħna flimkien ma' għadd ta' għaqdiet tal-lokal se tkun qed tipparteċipa fil-Milied Skaliż organizzat mill-Kunsill Lokali fi Ġnien Sant'Anna quddiem il-knisja. Hija okkażjoni sabiħa fejn naqsmu l-ferħ tal-Milied flimkien.

**Grupp Armar tal-Parroċċa**
Is-Sibt 7 ta' Diċembru 2019 il-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa qed jorganizza *Dinner Dance*. Biljetti mingħand il-membri u l-helpers tal-Grupp.

**Festa tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija**
Il-Ħadd 8 ta' Diċembru 2019 hija l-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Wara l-quddiesa tas-6:30am nitolbu t-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Magħmudija Komunitarja**
Il-Ħadd 8 ta' Diċembru 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal**
Il-Ħadd 15 ta' Diċembru 2019 wara l-quddiesa tad-9:15am ser ikollna Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal bil-personaġġi u annimali ħajjin fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am)**
Għall-Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am) inħeġġu lit-tfal sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa.

***New Year's Eve Party***
It-Tlieta 31 ta' Diċembru 2019 wara l-quddiesa tas-7:30pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu din id-data liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Fuljett 'Flimkien'**
Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Diċembru 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.